**28 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Captain Aruthur Podesta'

**Ġurisdizzjoni Territorjali — Said — Kannizzati — Liċenza — Kontravvenzjoni — G.N. 206/1934.**

*Hu veru, bħala Dritt Internazzjonali Publiku, illi, "stricto jure", il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Stat tispiċċa bil-"low water marks", fejn jibdew il-"high seas"; u illi ċjò non ostante ġie rikonoxxut li Stat jista' jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu anki fuq il-baħar adjaċenti sa tliet mili ("marine leagues"). Fuq din il-biċċa adjaċenti ta' baħar li Stat għandu wkoll ġurisdizzjoni vis-a-vis Stati oħra; oltre dawk il-limiti, ċjoè fuq il-"high seas", in-nazzjonijiet kollha għandhom drittijiet ugwali, u ebda Stat ma jista' per regola, jippretendi li jeżerċita d-dominju tiegħu eskluživ fuq il-"high seas". Din hi d-dottrina tal-"freedom of the high seas", li minnha jiġi li d-dritt tal-peska, per regola, hu liberu fuq il-"high seas".*

*Imma dan jingħad dejjem bejn Stat u Stat; u mhux ukoll meta si tratta bejn individwu li hu suġġett għall-liġi ta' Malta u dik il-liġi. Mill-prinċipju tal-libertà tal-"high seas" jiġi illi d-dritt li wieħed jistad fihom huwa ta' kulħadd, u hu*

*suġġett biss għar-restrizzjonijiet jew regolamenti fil-każ ta' individwu bis-saħħa ta' liġi tal-Istat li tiegħu huwa ċittadin.*
*Għaldaqstant, jekk wieħed għandu liċenza biex jistad u jqiegħed il-kannizzati għas-said, ma jistgħax bniedem ieħor jistad fil-viċinanzi ta' dawk il-kannizzati f'distanza preskritta mill-istess liċenza, mingħajr ma jikkommetti reat skond il-liġi lokali.*

*Lanqas jista' l-imputat isostni illi l-liċenza ġiet mogħtija lil dik il-persuna l-oħra meta din ma kienetx "a bona fide fisherman"; għax l-għoti ta' liċenza simili hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-Kontrollur tas-Said, li hija insindakabbli mill-Qrati, sakemm ma tkunx "legi, fidei, rationi non consona".*

*Dan ir-reat ta' min jistad fiz-zona allokata lil persuna oħra fil-liċenza għas-sajd fuq il-baħar, hi kontravvenzjoni, u għalhekk ma hemmx bżonn affattu li l-imputat ikun mar bil-ħsieb li jivvjola l-konċessjoni peskereċċja mogħtia lil ħadd ieħor, imma hu biżżejjed li hu mar jistad minn jeddu u ma bbadax jekk imurx fuq xi kannizzata ta' ħadd ieħor jew le.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli fis-"site" nru. 6 bejn San Pawl il-Baħar u l-Port il-Kbir, fil-5 ta' Ottubru 1959, għal xi t-2.45 p.m., kien jistad bil-lanċa tiegħu fil-viċin tal-kannizzati li huma riżervati għal Francis Cassar, bi ksur tar-Regolamenti tas-Said Nru. 24 25 u 26 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 206 tal-1934;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Diċembru 1959. li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputat ħati tal-kontravvenzjoni miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu għal £3 multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-aggravji dedotti mill-appellant huma dawn:— 1. Ir-regolamenti 24 u 25 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 206 tal-1934 ma jistgħux jitqiesu li jawtorizzaw lill-Gvern Malti biex jagħmel l-allokazzjoni ta' siti fil-baħar l-hemm mill-ibħra territorjali; 2. Kieku stess jitqiesu hekk, allura huma "ultra vires"; 3. In subordine, il-liċenza mogħtija lil Francis Cassar hi invalida, għaliex hu mhux "bona fide fisherman"; 4. Ma hemm ebda prova li l-appellant kien anqas minn 600 pied bogħod mis-sit allokat lil Cassar; 5. Ma ġiex pruvat li l-appellant kien qed jistad;

Dwar l-ewwel u t-tieni aggravju;

Hu veru, bħala Dritt Internazzjonali Publiku, illi, "stricto jure", il-ġurisdizzjoni territorjali ta' Stat tispiċċa fil-"low-water mark", fejn jibdew il-"high seas", u illi ċjò non ostante ġie rikonoxxut li Stat jista' jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu anki fuq il-baħar adjaċenti sa tliet mili ("marine league"). Fuq din il-biċċa ta' baħar adjaċenti li Stat għandu wkoll ġurisdizzjoni "vis-a-vis Stati oħra. Oltre dak il-limiti, ċjoè fuq il-"high seas", in-nazzjonijiet kollha għandhom drittijiet ugwali, u ebda Stat ma jista', per regola, jippretendi li jeżerċita d-dominju tiegħu esklużiv fuq il-"high seas". Din hi d-dottrina tal-"freedom of the high seas", li minnha jiġi li d-dritt ta' peska, per regola, hu liberu fuq il-"high seas";

Sa hawn, dejjem bejn Stat u Stat, l-appellant għandu raġun jgħid li ebda Stat ma jista' jispinġi d-dominju tiegħu "beyond the three-mile limit", jew komunkwe l-hemm mill-limiti territorjali. Imma r-rapport li jinteressa din il-kawża ma hux bejn Stat u Stat, mma bejn l-appellant bħala suġġett għall-liġi ta' Malta u dik il-liġi. Jgħid id-Davis — "Elements of International Law" — pp. 60 u 61, b'soluzzjoni ta' din il-kwistjoni:— "From the principle of the freedom of the high seas it follows that the right to fish in their waters is free to all mankind, and is subject to restriction or regulation in the case of an individual only by the municipal law of the state of which he is a citizen";

Issa dan hu appuntu l-każ preżenti. Ir-regolamenti in

materja (Not. Gvern 206 tal-1934) għandhom jiġu valjati "alla luce" tal-prinċipju ġenerali kontenut fl-art. 5, para. (b), tal-Kodiċi Kriminali, li jestendi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta għall-konjizzjoni ta' reati kommessi fuq il-baħar. Vwoldiri illi, jekk il-liġi ma tgħidx xort'oħra, il-preċett tal-liġi għandu jitqies li jirriferixxi, in bażi għan-norma ġenerali tal-Kodiċi, anki għar-reati kommessi fwori mill-limiti territorjali. Issa, ebda restrizzjoni jew menomazzjoni ta' din in-norma ġenerali ma hemm fir-regolamenti nru. 24 u 25 ta' dik in-Notifikazzjoni, li huma rilevanti għall-każ preżenti. Hu ċar li dan hu l-kriterju korrett; għaliex l-istess leġislatur f'din l-istess Notifikazzjoni, meta ried jillimita l-ġurisdizzjoni, qalu "expliciter", kif għamel fir-reg. 12, fejn uża l-frażi "within the territorial waters of these Islands". U lanqas jista' wieħed jimmaġina li si tratta ta' xi "lapsus" tal-leġislatur; għaliex kien fatt notorju li, minn żmien, is-sajd għall-lampuki bil-kannizzati minn dejjem kien isir ferm aktar l-hemm mill-ibħra territorjali;

Mela jiġi, bħala konsegwenza ta' dan li ntqal, li vis-a-vis l-appellant bħala ndividwu hemm il-liġi lokali li tassoġġetta lilu, bħal ma tassoġġetta kull bniedem ieħor regolat b'dik il-liġi, għar-restrizzjonijiet viżwalizzati fir-regolamenti fuq imsemmijin, u tassoġġettah validament u "intra vires", skond il-prinċipju ta' Dritt Internazzjonali enunċjat mid-Davis, kif fuq ingħad (ara wkoll Kollez. Vol. XXVII-IV-768);

Dwar it-tielet motiv ta' lanjanza;

Irriżulta mill-provi li Cassar għandu "special licence" bid-dettalji tal-"fishing ground" lilu assenjata. Din il-liċenza kienet in vigore meta ġara dan il-każ. Id-difiża ssostni li dik il-liċenza mhix valida, għaliex Cassar ma hux "bona fide fisherman". Il-liġi, però, ma tgħidx affattu li l-liċenzi ta' din ix-xorta jistgħu jiġu mogħtija "biss" lill-"bona fide fishermen", imma tgħid li "it shall be lawful for the Controller to limit the issue of these licences to bona fide fishermen". Vwoldiri illi l-liġi ħalliet fid-diskrezzjoni tal-Kontrollur, u tagħtu l-fakoltà diskretiva li jirrifjuta li joħroġ liċenza fuq il-motiv li r-rikjedent ma jkunx

"bona fide fisherman". Imma ma mponietlux preċettivament li jirrifjutaha f'kull każ ieħor, u l-Kontrollur baqa' dejjem, skond it-termini tar-regolament ċitat, fakoltizzat li joħroġ liċenza anki favur bniedem li ntant ma jkunx tali; naturalment għal raġunijiet li lill-Kontrollur ikunu jidhru ġusti;

Si tratta ta' "executive discretion", li mhix sindakabbli mill-Qrati, purkè eżerċitata "rite et recte", purkè l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ma tkunx "legi, fidei, rationi non consona" (ara App. Krim. "Pul. vs. Buhagiar", 13.3.1937; "Pul. vs. Farrugia", 21.5.1938; "Pul. vs. Fiteni", 2 ta' Lulju 1938; u l-ġurisprudenza fihom ċitata). L-appellant seta', u kien imissu, kieku deherlu li għal xi raġuni l-konċessjoni ta' dik il-liċenza kienet sindakabbli mill-Qrati minħabba li d-diskrezzjoni ma ġietx eżerċitata "rite et recte", mhux jillimita ruħu li jissolleva l-pont "per incidens" fil-ġudizzju kriminali, imma, trattandosi ta' azzjoni ordinarjament esperibbli quddiem it-tribunal ċivili, jesperiha b'azzjoni separata f'sedi ċivili, u jitlob is-soprassessjoni interinali ta' dan l-appell;

Dwar ir-raba' u l-ħames motiv;

Mix-xhieda ta' Anthony Vassallo u dik ta' Joseph Attard, kif ukoll ta' Francis Cassar, jirriżulta li l-appellant kien mhux f'raġġ ta' sitt mitt pied, imma proprju fuq issufri tas-sit allokat lil Cassar; kien idur maċ-ċimi, millewwel sad-disgħa ċima, għal xi tliet kwarti jew sigħa, u skarta x'ħin ra l-bastiment ta' Francis Cassar. Del resto, ix-xhieda tal-appellant, fil-kontest tal-fatti tal-każ, hi awto-inkolpazzjoni. Hu ammetta li dak inhar kien bilvacht tiegħu biex jistad, u li ħsiebu kien biex imur fuq "site" ta' konċessjonarju ieħor, divers minn Cassar. bilpermess tiegħu. Stqarr li faċli, f'kontinġenzi simili, li tmur fuq kannizzati ta' ħadd ieħor; anzi hu rrealizza li seta' kien fuq ta' xi ħadd ieħor, u mhux ta' dak li kien taħ il-permess, malli ra l-bastiment ta' Cassar ġej;

Ma hemmx bżonn jingħad li għas-sens tar-reg. 49 dawn ir-reati huma kontravvenzjonijiet, u għalhekk ma kienx hemm affattu bżonn li jirriżulta li l-appellant mar

bil-ħsieb li jivvjola l-konċessjoni peskerreċċa ta' Cassar, imma, trattandosi tas-sempliċi rekwiżit tal-volontarjetà, biżżejjed li hu mar minn jeddu biex jistad, u ma bbadax jekk imurx fuq xi kannizzata ta' ħadd ieħor jew le. Hu risaput li dak li jissejjaħ "filfully shutting one's eyes" jikkostitwixxi, fiċ-ċirkustanzi kongruwi, "criminal negligence";

Għal dawn ir-raġunijiet, ma hemm xejn x'jiġi ċensurat fis-sentenza appellata, u konsegwentement din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza li minnha sar l-appell.